# IS-SEMIN
# U L-ILSIEN TAGħHOM (1)

MINN LIEMA ART
ĦARĠU S-SEMIN.

Aħna rajna kemm ma' tul iż-żmenijiet xterdu s-semin u kemm artijiet ħadu taħt idejhom (2). Issa sabiex inkunu nistgħu naraw kif is-semin tnisslu minn xulxin, huwa meħtieġ li nfittxu qabel xejn liema hija l-ewwel art li fiha għammru s-semin, fejn dehru l-ewwel, minn fejn ħarġu.

L-isem "*semin*" ma jfissirx sewwa sew ir-razza. Is-semin huma biċċa mir-razza bajda, bħal ma huma l-arin. Għalhekk taħt l-isem ta' "*semin*" għandna nifhmu dawk in-nies li jitħaddtu b'wieħed minn dawk l-*ilsna* li huma magħrufin bħal ilsna semin u li minnhom għad nitħaddtu il quddiem. L-isem "*semin*" għaldaqshekk ma jfissirx ir-razza, imma, l-ilsien ta' dawn in-nies (3). L-ewwel wieħed li sejjaħ lil din il-għaqda ta' nies "*semin*" huwa Eichorn (4); u ħa dan l-isem mill-ktieb imqaddes tal-*Genesi*. Fl-irjus X u XI imur iqassam in-nies ta' żmienu fi tliet għaqdiet, daks kemm kienu ulied Noê: Sem missier is-semin, Ħam missier il-ħamin u Jafet missier il-jafetin. Il-lum il-kittieba kollha żammew dan l-isem sabiex ifissru dawk in-nies li *jitħaddtu* ilsien semi.

Ilhom minn żmien twil jitħabtu l-għorrief sabiex jaqtgħu il-kwistjoni mnejn ġew is-Semin: u biss fl-aħħar snin tasseklu li ħareġ beda jfeġġ id-dawl li l-lum għandna fuq dil-ħaġa. Il-biċċa l-kbira tal-kittieba tal-lum iżommu li s-semin huma ġejjin mill-Għarabja. Iżda l-kittieba qodma

(1) Jissokta minn "Il-Malti" ta' l-1927 pp. 37-41. — Niżżu-ħajr lil Dun P.P. Grima talli f'dan l-aħħar artiklu li ħriġna fuq "Art is-Semin" silifna is-sabiħ *gliché* tiegħu, li ġibna fil-paġ. 39, sabiex inġibu quddiem għajnejn il-qarrejja dak li konna fissirna mill-aħjar li stajna, bil-kliem.

(2) Ara "Il-Malti" 1927 pp. 37-41.

(3) Ara dak li għedna f'"Il-Malti" ta' 1926 paġ 122 il-għaliex l-ilsien ma għandux x'jaqsam mar-razza. Fost is-semin insibu wkoll ir-razza sewda, bħal ma huma il-Habx (Etjopiċi).

(4) Eichorn, *Einleitung in das Alte Testament* 2, Leipzig 1787. Ara Noeldecke, *Encyc. Brit.*, XXI, pag. 641

ma kinux ta' din il-fehma u l-anqas bejniethom ma kienu ta' fehma waħda. Kien hemm min ħaseb li s-semin ħarġu minn l-Armenja (5) jew mill-baħar Kaspju (6), u oħrajn igħidu li ġew minn l-Affrika sewwa sew mid-desert tas-Saħħara (7).

Aħna jidhrilna, ma' ħafna kittieba hekk qodma kif ukoll ta' żminijietna (8), li l-fehma li s-semin ħarġu mill-Għarabja u sewwa sew mill-Għarabja ta' fuq in-naħa tal-Kaldea (9), hija aktarx it-tajba. Il-għaliex, kif aħna għad naraw iżjed fit-tul il-quddiem, is-semin taż-żminijiet kollha xterdu dejjem mill-Għarabja, għaddew mill-Kaldea u max-xatt ix-xatt ta' l-Ewfrati baqgħu telgħin il-fuq il-fuq lejn is-Sirja, minn fejn xterdu fil-Palestina u l-hemm mill-Ġordan sa fl-Eġittu.

Fil-ktieb imqaddes tal-Ġenesi aħna niltaqgħu ma' nies Abraham l-ewwel darba fil-Kaldea u billi isimhom huwa għarbi juri biċ-ċar li kienu ġejjin mill-Għarabja. Abraham ma' niesu tela' fis-Sirja (Ħarran), mnejn niżel fil-Palestina u baqa' sejjer fl-Eġittu, Min-nisel Abraham ħarġu l-Lhud. Għalhekk mill-Ġenesi aħna naraw li l-Lhud ġew mill-Għarabja, u bħal-Lhud hekk ukoll ħuthom is-semin l-oħra ġew mill-Għarabja.

P. Serafin M. Żarb, O.P.

(5) Li s-semin ħarġu mill-Armenja kienet l-aktar fost il-fehmiet li sabet min iżommha, il-għaliex donnha tinsab sa fil-ktieb imqaddes tal-Ġenesi. Iżda il-lum ma taqrax ħlief xi wieħed 'l hawn u 'l hemm li għad għandu din il-fehma. Ara NOELDECKE, op. cit. XX, 643—IGNAZIO GUIDI, *Della sede primitiva dei Popoli Semiti* (Fil-*Memorie della R. Accademia dei Licei,* 1879, III Serie, Vol. III, p, 50.)

(6) Hekk fost l-oħrain kien jaħseb E. RENAN, *Histoire générale des langues sémitiques* 2, p. 29 u fi żmenijietna is-Senatur IGNAZIO GUIDI, op. cit., p. 51.

(7) L-ewwel wieħed li żamm din il-fehme kien T. NOELDECKE u il-lum iżommha ukoll L. REINISCH, *Das persönliche Fürwort... in den Chamito—Semitisceen Sprachen,* Wien 1909.

(8) Ara Sayce, *Assyrian Grammar for Comparative purposes*, p. 13. — Sprenger, *Die alte Geographie Arabiens,* § 427. — Schrader, *Die Abstammung der Chaldäer und die Ursitze der Semiten*, fiż-*Zeitsch. d. Deutsch. Morgen. Gesell.*, XXVII, p. 397 ss. u ħafna oħrajn.

(9) Ara "IL-MALTI" ta' 1927. p. 37.